MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Numru. 302/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**
**KONTRA**

**JOSEPH MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Muscat ta' 25 sena, bin Joseph u Carmen nee' Borg, mwieled Pieta' nhar is- 17 ta' Settembru 1985, residenti 99, Perth Flat 1, Triq Ganu, B' Kara u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 476085M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 13 ta' Dicembru 2010 ghall- habta tal- 4.13am waqt li kien qieghed fi Triq Naxxar, B' Kara u fil- vicinanzi;

1) Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddierho ghad- dannu ta' Jehad Almari, liema hsara teccedi aktar minn €116.47 izda li ma taqbisx €1,164.69;

2) U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, billi kien gie misjub hati b' sentenzi tal-Qorti ta' Malta li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b'mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tisma' l-kawza tieghu bi procedura sommarja, u ghalhekk din il-Qorti giet hekk ikkonvertita ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jirrisultaw soddisfacentement ippruvati ghall-Qorti, minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi kollha.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

Nhar it-13 ta’ Dicembru, 2010, kmieni fil-ghodu, l-imputat ra l-vettura ta’ certu Jehad Almari parkeggata fi Triq in-Naxxar, B’Kara, u volontarjament waqaf hdejha w kisser hgiega tal-passiggier tal-istess vettura. Dan jixhdu filmat ta’ CCTV kif rapportat fl-okkorrenza tal-Pulizija. Di fatti, l-imputat u Almari kellhom xi kwistjoni ma’ xulxin fil-passat, u fl-istqarrija tieghu esebita fl-atti l-imputat jammetti dan l-akkadut. Hu stqarr ukoll li lest jaghmel tajjeb ghall-hsara li hu wettaq.

Ghalhekk, in vista tal-ammissjoni, il-Qorti tista’ tghaddi biex tikkonsidra l-piena fil-konfront tal-imputat. Fit-tahrika hemm indikat l-addebitu tar-recidiva kontra tieghu, u ghalhekk il-Qorti ma tistax taghti piena ta’ prigunerija sospiza. In vista ta’ dan, il-parametri tal-piena jaqghu bejn disposizzjoni taht il-Kap 446 min-naha l-wahda, u piena ta’ prigunerija effettiva min-naha l-ohra. Il-Qorti qieset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li juru reazzjoni infantili ta’ tpattija mill-imputat, u ma tarax l-estremi ta’ sentenza ta’ prigunerija effettiva f’dan il-kaz. Il-Qorti ma skontratx imgieba anti socjali fl-imputat li timmerita provvediment punittiv li tirrestringi l-liberta’ tieghu, izda rat ghemil li minn ghalih kien ser jippareggja xi kont li kellu ma’ Almari. Inoltre, l-ahhar kundanna mil-Qorti kontra l-imputat tirrisali ghal 2007 u tittratta multa relatata ma’ reat ta’ sewqan. Tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti hi aktar propensa tikkonsidra sanzjoni fil-komunita’ kontra l-imputat, flimkien ma’ ordni biex jaghmel tajjeb ghad-danni kkagunati minnu billi jeffettwa hlas tal-ammont indikat mil-parti leza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 325, 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ tlett mitt ewro (€300) lil Jehad Almari ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------